31990R1588

15.6.1990 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 151/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika fl-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW

Wara li kkunisdra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 213 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-abbozz tar-Regolament mibgħut mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi, biex tkun tista' twettaq id-dmirijiet tagħha fdati lilha mit-Trattati, u speċjalment fid-dawl tas-suq intern kif hemm provdut għalih fl-Artikolu 8a tat-Tarattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ it-"Trattat KEE", il-Kummissjoni għandu jkollha informazzjoni kompluta u ta' min jorbot fuqha; billi, bil-ħsieb ta' amministrazzjoni effiċjenti, l-Uffiċċju ta' l-Istatiska tal-Komunitajiet Ewropej, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ l-"SOEC", għandu jkun jista' jikseb l-informazzjoni kollha nazzjonali statistika meħtieġa sabiex jipprepara l-istatistika tal-Komunità u jwettaq l-analiżi meħtieġa;

Billi l-Artikolu 5 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 192 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ it-"Trattat Euratom", jeħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw il-ksib tal-kompiti tal-Komunità; billi din l-obbligazzjoni testendi għal-provvista ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa; billi n-nuqqas ta' *data* kunfidenzjali statistika tikkostitwixxi għas-SOEC telf konsiderevoli ta' informazzjoni fil-livell tal-Komunità u jagħmilha diffiċili li titħejja statistika u li jitwettqu l-analiżi tal-Komunità;

Billi l-Istati Membri m'għandu jkollhom ebda raġuni biex jinvokaw id-dispożizzjonijiet dwar kunfidenzjalità statistika ġiala darba l-SOEC toffri l-istess garanziji ta' kunfidenzjalità ta' data bhal daw ta' l-istituti nazzjonali statistiċi; billi dawn il-garanziji huma diġà sa ċertu limitu magħġuna fit-Trattati tal-Komunità notevolment fl-Artikolu 214 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 194(1) tat-Trattat Euratom, u fir-Regolamenti ta' l-Impjegati ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u jistgħu jiġu sostnuti b'miżuri adattati taħt dan ir-Regolament;

Billi, skond l-Artikolu 214 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 194(1) tat-Trattat Euratom, uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunità huma meħtieġa, wkoll wara li d-dmirijiet tagħhom ikunu ntemmu, li ma jikxfux informazzjoni tax-xorta koperta bl-obbligu ta' segretezza professjonali;

Billi l-Artikolu 17 tar-Regolamenti ta' Impiegi ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jeħtieġ li l-uffiċjali jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-fatti kollha u l-informazzjoni li jsiru jafu bihom matul il-kors ta', jew b'konnessjoni ma', it-twettieq tad-dmirijiet tagħhom; billi jibqgħu marbuta b'din l-obbligazzjoni wara li jħallu s-servizz;

Billi kull ksur tal-kunfidenzjalità statistika koperta b'dan ir-Regolament għandu jiġi ttrattat b'mod effettiv, ikun min ikun dak li jagħmel dan;

Billi kull ksur tar-regoli li jorbtu uffiċjali u ħaddiema oħra li jaħdmu għas-SOEC, sew jekk magħmul xjentement jew minħabba negliġenza, jirrendihom responsabbli għal sanzjonijiet dixxiplinarji u, fejn xieraq, penalitajiet legali għall-ksur tas-segretezza professjonali, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet maqgħuda ta' l-Artikoli 12 u 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej;

Billi, skond l-Artikolu 215 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 188 tat-Trattat Euratom, il-Komunità għandha tagħmel tajjeb għal kull ħsara kawżata mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-impjegati tagħha fit-twettieq tad-dmirijiet tagħhom;

Billi dan ir-Regolament japplika biss għat-trasmissjoni lis-SOEC ta' *data* statistika li, fil-qasam tal-kompetenza ta' l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika, huma koperti bil-kunfidenzjalità statistika, u billi ma jeffettwax id-dispożizzjonijiet nazzjonali jew tal-Komunità li jirrelataw mat-trasmissjoni ta' tipi oħra ta' informazzjoni lill-Kummissjoni;

Billi dan ir-Regolament għandu jiġi adottat minħajr preġudizzju għall-Artikolu 223 tat-Trattat KEE, li taħtu ebda Stat Membru ma huwa meħtieġ li jipprovdi informazzjoni li l-kxif tagħha jitqies kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu;

[1] ĠU C 86, tas-7.4.1989, p. 12.
[2] ĠU C 291, ta' l-20.11.1989, p. 27.

Billi, skond l-Artikolu 47 li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar il-Faħam u l-Azzar, il-Komunità adottat b'mod partikolari d-Deċiżjoni Nru 1566/86/ECSC [1] u billi deċiżjonijiet ta' dak it-tip m'humiex effettwati b'dan ir-Regolament, b'konformità ma' l-Artikolu 232 tat-Trattat KEE;

Billi l-istabbiliment, taħt dan ir-Regolament, ta' Kumitat dwar il-Kunfidenzjalità Statistika jakkorda bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/373/KEE tat-13 ta' Lulju 1987 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżercizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [2];

Billi l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari dawk maħsuba li jassiguraw il-protezzjoni ta' *data* kunfidenzjali statistika mibgħuta lis-SOEC, teħtieġ riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa:

— biex jawtorizza lill-awtoritajiet nazzjonali biex jittrasmettu *data* kunfidenzjali statistika lill-Uffiċju Statistiku tal-Komunitajiet Ewropej (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ s-"SOEC"),

— li jipprovdi garanzija lil-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tassigura l-kunfidenzjalità tad-*data* hekk trasmessa.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-kunfidenzjalità statistika. Huwa m'għandux jeffettwa dispożizzjonijiet speċjali, tal-Komunità jew nazzjonali li jissalvagwardaw konfidenżjalità minbarra kunfidenzjalità statistika.

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-espressjonijiet mogħtija hawn taħt huma definiti kif ġej:

1. data kunfidenzjali statistika: data dikjarata kunfidenzjali mill-Istati Membri skond il-leġislazzjoni nazzjonali jew prattiċi li jirregolaw il-kunfidenzjalità statistika;

2. awtoritajiet nazzjonali: istituti nazzjonali statistiċi u korpi oħra nazzjonali responsabbli għall-ġbir u l-użu ta' statistika għall-Komunitajiet;

3. informazzjoni dwar il-ħajja privata ta' persuni naturali: informazzjoni dwar il-ħajja privata u tal-familja ta' persuni naturali kif definita bil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew prattiċi fl-Istati Membri varji;

4. użu għall-finijiet ta' statistika: użu esklussivament għall-kompilazzjoni ta' tabelli ta' statistika jew analiżi statistiċi ekonomiċi; ma jitgħux jintużaw għal għanijiet amministrattivi, legali jew ta' taxxa jew għall-verifikazzjoni kontra l-unitajiet mistħarrġa;

5. unità statistika: unità bażika koperta b'data statistika trasmessa lis-SOEC;

6. identifikazzjoni diretta: identifikazzjoni ta' unità statistika minn isimha jew l-indirizz, jew minn numru ta' identifikazzjoni uffiċjalment allokat u ppublikat;

7. identifikazzjoni indiretta: il-possibbiltà li tiġi dedotta l-identità ta' unità statistika minbarra mill-informazzjoni msemmija fil-punt 6;

8. uffiċjali tas-SOEC: uffiċjali tal-Komunitajiet skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolamenti dwar Impiegi ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, li jaħdmu fis-SOEC;

9. ħaddiema oħra tas-SOEC: ħaddiema tal-Komunitajiet skond it-tifsira ta' l-Artikoli 2 sa 5 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li jaħdmu fis-SOEC;

10. disseminazzjoni: il-provvista ta' *data* tkun xi tkun il-forma tagħha: pubblikazzjonijiet, aċċess għad-databases, microfiches, komunikazzjonijiet bit-telefon, eċċ.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu awtorizzati li jittrasmettu data kunfidenzjali statistika lis-SOEC.

2. Ir-regoli nazzjonali dwar kunfidenzjalità statistika ma jistgħux jiġu invokati biex jipprevjenu t-trasmissjoni ta' *data* kunfidenzjali statistika lis-SOEC fejn att tal-liġi tal-Komunita' li jirregola statistika tal-Komunità jipprovdi għat-trasmissjoni ta' dik id-*data*.

3. It-trasmissjoni lis-SOEC ta' *data* kunfidenzjali statistika dwar l-istruttura u l-attività ta' impriżi, miġbura qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandha titwettaq skond ir-regoli u l-prattika dwar kunfidenzjalità statistika fis-seħħ fl-Istati Membri.

It-trasmissjoni lis-SOEC ta' *data* kunfidenzjali statistika, skond it-tifsira tal-paragrafu 2, għandha titwettaq b'dak il-mod li l-unitajiet statistiċi ma jkunux jistgħu jiġu direttament identifikati. Dan ma jipprekludix l-ammissibilità ta' regoli ta' trasmissjoni ta' aktar importanza kbira skond il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri.

4. L-awtoritajiet nazzjonali m'għandhomx ikunu obbligati li jittrasmettu informazzjoni dwar il-ħajja privata ta' persuni naturali lis-SOEC jekk l-informazzjoni trasmessa tista' tippermetti li dawk il-persuni jkunu identifikati jew direttament jew indirettament.

[1] ĠU L 141, tat-28.5.1986, p. 1.
[2] ĠU L 197, tat-18.7.1987, p. 33.

Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa regolatorji, amministrattivi, tekniċi u organizzattivi biex tassigura l-kunfidenzjalità tad-*data* statistika trasmessa mid-dipartimenti kompetenti ta' l-Istati Membri lis-SOEC skond l-Artikolu 3.

2. Il-miżuri ta' protezzjoni msemmija fl-Artikolu 5 għandhom jgħoddu għal:

(a) *data* kunfidenzjali statistika li t-trasmissjoni tagħha lis-SOEC hija koperta b'att tal-liġi tal-Komunità li jirregola l-istatistika tal-Komunità,

(b) id-*data* statistika kollha kunfidenzjali trasmess volontarjament mill-Istati Membri lis-SOEC.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċeduri għattrasmissjoni ta' *data* kunfidenzjali statistika lis-SOEC u l-prinċipji għall-protezzjoni ta' dik id-*data* skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 7.

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lid-Direttur Ġenerali tas-SOEC biex jassigura l-protezzjoni tad-data trasmessa mid-dipartimenti nazzjonali ta' l-Istati Membri. Hija għandha tistabbilixxi l-arranġamenti għall-organizzazzjoni interna tas-SOEC sabiex tassigura dik il-protezjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7.

2. *Data* kunfidenzjali trasmessa lis-SOEC għandha tkun aċċessibbli biss għall-uffiċjali tas-SOEC u tista' tintuża minnhom esklussivament għal għanijiet ta' statistika.

3. Iżda, l-Kummissjoni tista' tagħti aċċess għal *data* kunfidenzjali statistika lill-impjegati oħra tas-SOEC u persuni oħra naturali li jaħdmu fil-post tas-SOEC taħt kuntratt, f'każi speċjali u esklussivament għal għanijiet ta' statistika. Il-proċeduri għal dak l-aċċess għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 7.

4. *Data* kunfidenzjali statistika fil-pussess tas-SOEC's tista' tiġi disseminata biss meta maqgħuda ma' data oħra f'forma li tassigura li l-unitajiet statistiċi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati la direttament u lanqas indirettament.

5. L-Uffiċjali u impjegati oħra tas-SOEC u persuni oħra naturali li jaħdmu fuq il-post tas-SOEC taħt kuntratt ma' jistgħux jużaw jew iqassmu din id-*data* għal għanijiet minbarra dawk preskritti f'dan ir-Regolament. Din il-projbizzjoni għandha tkompli tgħodd wara t-trasferiment, terminazzjoni ta' servizz jew irtirar.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom, qabel l-1 ta' Jannar 1992, jieħdu miżuri adattati biex irażżnu kull ksur ta' l-obbligu li tinżamm is-segertezza ta' *data* kunfidenzjali trasmessa skond l-Artikolu 3. Dawn il-miżuri għandhom ta' l-anqas jikkonċernaw ksur kommess fit-territorju ta' l-Istat Membru konċernat, minn uffiċjali jew impjegati oħra tas-SOEC u minn persuni oħra naturali li jaħdmu taħt kuntratt fuq il-post tas-SOEC.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bil-miżuri meħuda. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 7

Kumitat dwar Kunfidenzjalità Statistika, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", għandu jiġi mwaqqaf kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri kollha u presedut minn rappresentant tal-Kummissjoni (id-Direttur Ġenerali tas-SOEC jew persuna nominata minnu).

Ir-rappresentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu, kif imsemmija fl-Artikoli 4(3) u 5 (3). Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, fil-limitu ta' żmien li l-president jista' jiffissa skond l-urġenza tal-kwistjoni. L-opinjoni għandha tingħata bill-maġġoranza preskritta fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat KEE fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappresentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu peżati bil-mod imniżżel f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri li għandhom jgħoddu minnufih. Iżda, jekk dawn il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, għandhom ikunu komunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ:

— il-Kummisjoni għandha tiddifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun iddeċidiet għal perjodu ta' tlett xhur mid-data tal-komunikazzjoni,

— il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel inċiż.

Il-Kumitat għandu jippreskrivi r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 8

Il-Kumitat għandu jeżamina l-kwistjonijiet imqajjma mill-president tiegħu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' rappresentant ta' Stat Membru, li jirrelataw ma' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul il-Lussemburgu, fil-11 ta' Ġunju 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

A. REYNOLDS